*- KOLLIZZJONI -*

*- WRONG SIDE-*

*- RES IPSA LOQUITUR -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Ottubru, 2001**

**Kawza Numru: 38**
**Citazzjoni Numru: 2485/98/RCP**

**Sultana Brothers Transport Limited.**

**vs**

**Christopher Camilleri.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta' attrici hija l-proprjetarja tal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCY -954;

Illi fis-27 ta' Settembru 1996 fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, sehh incident awtomobistiku bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCY-954, proprjeta' tas-socjeta' attrici u l-vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni G-3894, misjuqa mill-konvenut;

Illi dan l-incident awtomobilistiku sehh minhabba sewqan traskurat, imperizija u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut;

Illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JCY-954 proprjeta' tas-socjeta' attrici garbet hsarat konsiderevoli;

Illi ghalkemm l-konvenut gie interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-imsemmi incident bl-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 1998 pero' baqgha inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobistiku tas-27 ta' Settembru 1996 fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' atttrici occorendo bin-nomina ta' periti nomindani.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma hekk likwidata in linja ta' danni kagunati fil-vettura proprjeta' tas-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tas-27 ta' Settembru 1996 fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 1998, u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat bil-procedura *ai termini* tal-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** kemm permezz ta' avviz fil-gazzetta tal-gvern datata 20 ta' Lulju 1999, fil-15 ta' Frar 2000 permezz ta' avvizi f'zewg gazzetti ta' kuljum lokali, u permezz tal-affissjoni fit-3 ta' Novembru 2000, u l-konvenut baqa' ma deherx u ma ppresenta l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat il-verbali tas-seduti tal-25 ta' Mejju 1999, 30 ta' Gunju 1999, 18 ta' Novembru 1999, 10 ta' Dicembru 1999, 7 ta' Marzu 2000, 11 ta' Mejju 2000, 21 ta' Gunju 2000, 25 ta' Ottubru 2000, 30 ta' Novembru 2000, 21 ta' Frar 2001, 7 ta' Marzu 2001, 23 ta' Mejju 2001, 5 ta' Lulju 2001 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghat-2 ta' Ottubru 2001.

Rat l-affidavit ta' Robert Vella datat 9 ta' Ottubru 2000 a fol. 25 tal-process.

Rat ix-xhieda tas-Surgent P.S. 249 Angelo Curmi tal-5 ta' Lulju 2001, u d-dokumenti kollha esebiti mis-socjeta' attrici permezz ta' nota tat-18 ta' Lulju 2001.

Rat li l-Qorti pprefigiet terminu ta' 20 gurnata mill-presentata ta' tali nota tal-attur ghan-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut, li baqghet ma gietx presentata.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABILITA' TAL-INCIDENT.

Illi din il-kawza titratta dwar incident awtomobilistiku li gara fis-27 ta' Settembru 1996, fejn s-socjeta' attrici qed tallega li waqt li s-sewwieq Robert Vella, li kien impjegat maghha, kien qed isuq il-*coach* tat-tip Volvo registrazzjoni numru JCY-954 minn Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun fid-direzzjoni ta' Bir id-Deheb fuq in-naha taghha tat-triq, mid-direzzjoni opposta giet il-karozza misjuqa mill-konvenut fuq in-naha hazina tat-triq u dahlet f'dik tas-

socjeta' attrici u kkagunatila hsarat; illi fil-fatt l-istess socjeta attrici qed issostni li dan l-incident awtomobilistiku gara tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, u ghalhekk qed titlob li tithallas minghand il-konvenut l-allegati danni li hija tikkontendi li sofriet fis-somma li qed titlob li tigi likwidata.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zewg vetturi kienu mexjin lejn id-direzzjoni opposta tant li l-*coach* kienet ghaddeja mit-Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun sejra ghad-direzzjoni ta' Bir id-Deheb mentri l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet sejra z-Zejtun. Illi dan huwa kkonfermat mill-iskizz esebit a fol. 6 tal-process, u fil-fatt mill-istess skizz jirrizulta li l-impatt sar fuq in-naha tat-triq tal-*coach* misjuqa mill-impjegat tas-socjeta' attrici, tant li l-istess *coach* tinsab fuq in-naha taghha tat-triq, mentri l-karozza l-ohra ghalkemm tinsab imdawwra wkoll fuq in-naha taghha tat-triq, din l-istess vettura ghanda *brake-marks* twal 25.5 il-metru kompletament *wrong side*, u ghalhekk ma hemm l-ebda spjegazzjoni ohra hlief li l-impatt sar fuq in-naha tat-triq ta' fejn kienet miexja l-*coach* tas-socjeta' attrici.

Illi dan huwa konfermat mill-fatt li l-*brake mark* tal-karozza misjuqa mill-konvenut huwa biss distanza ta' 4.6. metri min-naha tax-xellug tat-triq minn fejn kienet ghaddejja l-*coach* meta it-triq hija 11.7 metri, u peress li dan il-*brake mark* jispicca appenna sar l-impatt, ma hemm l-ebda dubju kwalunkwe li l-istess *spot of impact* tinsab fuq in-naha

hazina tat-triq minn fejn kien gej il-konvenut u fejn spiccat il-*coach* tas-socjeta' attrici.

Illi dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' **Robert Vella** fl-affidavit tieghu tad-9 ta' Ottubru 2000 a fol.25 tal-process, fejn sostna li huwa kien qed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, meta ra mid-direzzjoni opposta lill-konvenut isuq il-vettura Reg. No. G - 3894 kompletament *wrong side*, u nonostante li l-istess sewwieq tal-*coach* ghafas kemm setgha fuq in-naha tieghu, xorta ma rnexxilux jevita l-incident, ghaliex l-istess karozza misjuqa mill-konvenut baqghet gejja fuq in-naha hazina tat-triq b'velocita' qawwija ghal go fih, kompletament fuq il-karreggjeta hazina tat-triq.

Illi fil-fatt 25.5 metru ta' *brake mark* jindikaw velocita' ta' iktar minn sittin (60) kilometru fis-siegha u ghalhekk jidher li l-*speed* tal-istess konvenut kien pjottost gholi, b'dan li necessarjament ikkontribwixxa sabiex l-konvenut naqas li jikkontrolla fil-hin l-karozza tieghu, bil-konsegwenza li huwa pogga ruhhu *in a self inflicted incapacity* u ma setghax b'hekk jevita s-sinistru, kemm minhabba l-posizzjoni tieghu hazina fit-triq, u kemm ukoll kawza tal-istess velocita' li biha kien ghaddej, tant li jista' jinghad li l-istess konvenut tilef ghal kollox il-kontroll tal-vettura tieghu.

Illi dan jinsab ukoll ikkonfermat mill-okkorenza tal-istess incident redatta mis-**Surgent PS 249 Angelo Curmi** u minnu kkonfermata fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2001, fejn hemm imnizzel li:-

*"Meta kelmitu l-pulizija x-xuffier tal-'coach' qal li kien miexi normali u ra' l-karozza gejja mid-direzzjoni opposta apparentament bil-kontroll mitluf, hu gibed kemm seta' lejn il-hajt tax-xellug pero' l-karozza dahlet go fih".*

*"Meta Chris Camilleri, ix-xuffier tal-karozza, gie mitkellem mill-pulizija l-ghada l-isptar, dan stqarr li ma jaf xejn x'gara".*

Illi ghalhekk in vista tal-premess jirrizulta li la darba l-karozza tal-konvenut spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq sabiex sar l-impatt, kif indikat bil-*brake marks* taghha, wkoll fuq l-istess naha hazina, kien oneru tieghu, li jipprova ghaliex spicca dik in-naha, u fl-opinjoni ta' din il-Qorti, dan assolutament ma ghamlux, anke ghaliex l-istess konvenut baqa' kontumaci u lanqas biss deher ghall-kawza.

Illi min-naha l-ohra l-versjoni tas-sewwieq tal-karozza tas-socjeta' attrici, u cioe' li huwa kien ghaddej fuq in-naha tieghu, meta ra lill-konvenut gej dritt ghal fuqu, u huwa ipprova jiskapulah billi ghafas il-*coach* kemm seta' fuq ix-xellug tieghu, izda ma rnexxilux jevita l-incident, bil-konsegwenza li sar l-impatt, ma hemm xejn dwar dan li l-Qorti tista' ticcensura, b'dan ghalhekk li s-sewqan traskurat tal-konvenut kien il-kawza prossima tal-istess incident. **("Citadel Insurance Agency Limited vs Alfred Grech" -** P.A. RCP 19 ta' Ottubru 2000) u dan huwa wkoll ikkonfermat minn kif spiccaw il-karozzi wara l-incident.

Illi fil-fatt din il-Qorti, bhal ma gie ritenut fil-kaz **“Middle Sea Insurance p.l.c. vs Jason Scerri”** (P.A. RCP - 7 ta’ Dicembru 2000), bla esitazzjoni ta’ xejn, thoss li dan huwa kaz ta’ *“res ipsa loquitur”*, li l-effett taghha huwa li tisposta l-oneru tal-prova u tohloq bhal speci ta’ presunzjoni ta’ *“prima facie”* li t-tort huwa ta’ wiehed u mhux tal-iehor. (**“John Formosa noe vs Joseph Zammit” -** F.G.C. 30 ta’ April 1993; **“Charles Tonna vs Joseph Cassar” -** A.C. 14 ta’ Mejju 1971; **“Edgar Zahra vs Carmelo Vassallo”** - A.C. 5 ta’ April 1971).

Illi f’dan il-kaz ma hemm ebda indizzju ta’ prova li jiggustifika l-komportament tal-konvenut u ghaliex spicca fuq in-naha hazina tat-triq, u ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-konvenut ghandu jinzamm unikament responsabbli ghall-incident in kwisjtoni tas-27 ta’ Settembru 1996

Illi ghalhekk abbazi tal-premess u fil-kontumacja tal-konvenut, l-istess konvenut ghandu u qed jinzamm unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk l-ewwel talba attrici ghanda tigi milqugha.

**(B). LIKWIDAZZJONI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici, kif minnha allegat jikkonsistu fis-segwenti:

| | |
|---|---|
| (a) *Spare Parts* u *Labour* skond ricevuta ta' *Scarnif Coaches*………………… | Lm1,650.00. |
| (b) *Front Headlamp*……………………… | Lm0,207.00. |
| (c) *Radiator*………………………………. | Lm0,158.00. |
| (d) *Towing*………………………………… | Lm0,092,00. |
| (e) Ricevuta minn *Automan Signs*………. | Lm0,035.00. |
| (f) *Spray*…………………………………… | Lm0,500.00. |
| TOTAL………………………………… | Lm2,642.00. |

Illi ma dan l-ammont qed jigi reklamat *loss of use* ta' Lm1,620 ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 1996 u l-31 ta' Ottubru 1996 bir-rata ta' Lm60 kull gurnata kkalkulat ghat-trasport ta' turisti u tfal ghall-iskejjel, wara li jitnaqqas il-*fuel*, ghall-ammont ta' Lm1,620, u peress li dan lanqas ma jidher li gie kontestat, dan l-ammont ghandu jizdied ma' dak fuq indikat li b'hekk jammonta ghall-erba' t'elef, mitejn u tnejn u sittin lira (Lm4,262) li qed jigu hawnhekk likwidati bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici, u li jridu jigu mhallsa lilha mill-konvenut.

**III. KONKLUZZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

(1) Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku tas-27 ta' Settembru 1996 fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun.

(2) Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' atttrici fl-ammont ta' erba' t'elef, mitejn u tnejn u sittin lira (Lm4,262) li qed jigu hawnhekk likwidati bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident in kwistjoni.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' t'elef, mitejn u tnejn u sittin lira (Lm4,262) li gew hawnhekk likwidati bhala danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tas-27 ta' Settembru 1996 fi Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Jannar 1998, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace.**
**2 ta' Ottubru 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**2 ta' Ottubru 2001.**